MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2015

Numru. 581/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**JOSEPH XUEREB**

**(ID: 0303547M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOSEPH XUEREB** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0303547(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fit-12 ta' April, 2013, ghal habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar (16:00hrs) fi Triq San Edwardu, Qormi:

1) minghajr il-hsieb li joqtol, jew li jqieghed il-hajja ta' Felice Borg f'periklu car, ikkagunalu ferita gravi, cioe' hsara fil-gisem jew fis-sahha, jew li jgib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz kif iccertifikat Dr. Anne Marie Scerri (3498) mic-centru tas-sahha ta' Hal Qormi;

2) Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet pubbliku bl-ghajjat u glied.

Il-Prosekuzzjoni talbet fiz-zewg kazi sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provvediment tal-Artiklu 383 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta a favur ta' Felice Borg.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat a fol 5, fedina penali a fol 6, zewg certifikati medici a fol 7 et seq, stqarrija tal-imputat a fol 9 et seq u l-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 18 ta' Gunju 2013 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja a fol 12 u dak li wiegeb l-imputat fl-ezami li sarlu

nhar l-20 ta' Novembru 2013 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat illi dan il-kaz gie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' Assenjazzjoni temporanju tal-21 ta' April 2014 u li in segwitu dan id-digriet gie mibdul f'wiehed definittiv nhar l-20 ta' Novembru 2014 u huwa ghalhekk li hija din il-Qorti li sejra tiddeciedi din l-istess kawza.

Ikkunsidrat.

**PS 1585 James Weatherill** xehed fl-20 ta' Novembru, 2013 fejn iddikjara li fit-12 ta' April, tal-elfejn u tlettax (2013) ghall-habta ta' l-erbgha ta' wara nofsinhar (16:00hrs) dahlitlu telefonata li fi Triq St. Edward, Hal-Qormi li kien hemm zewg (2) persuni qed jiggieldu go entratura ta' garaxxijiet. Huwa mar immedjatament u x'hin wasal fuq il-post sab lil certu Felic Borg li kellu qisu xi griehi f'wiccu, bhal daqsxejn demm. Ix-xhud staqsieh x'gara u wiegbu li kellu xi jghid ma' certu Joseph Xuereb li x-xhud qieghed jaghrfu fl-awla. Felic Borg nfurmah li l-argument beda minhabba xi *pony*, qallu li l-argument beda minhabba xi *parking* go dawn l-entraturi tal-garaxxijiet ghax ma jkunx jista' johrog bil-*pony* tieghu u qallu wkoll li Joseph Xuereb kien bezaqlu. Huwa qallu li kien ser jipproduci certifikat mediku ukoll. Ix-xhud talbu biex jinzel l-Ghassa u jgiblu certifikat mediku.

Felic Borg mar l-ghassa u fil-pront mar ukoll l-ghassa Joseph Xuereb biex jaghtih l-verzjoni tieghu fejn minn naha tieghu qallu li kien il-persuna l-ohra u cioe Borg li aggredieh. Ikkonferma li kien hemm argument fuq *parking* u li kienet il-persuna l-ohra li nsulentah u aggredieh u qallu wkoll li kellu xi griehi. Ix-xhud tenna li iktar tard it-tnejn li huma gew l-ghassa u gabulu certifikat, minn fejn jirrizulta li iz-zewg min nies kienu invistati mill-istess tabiba Dr. Ann Marie Scerri mic-Centru tas-Sahha ta' Hal-Qormi u li ccertifdikat liz-zewg persuni li kienu qed isofru minn feriti ta natura gravi. Ix-xhud minn hemmhekk informa lill-Ispettur biex ikompli bl-investigazzjoni tieghu peress li c-certifikati kienu jindikaw li l-feriti kienu gravi u attaccjahom mar-rapport u hejja r-rapport kollu. Huwa pprezenta r-rapport liema rapport gie mmarkat bhala Dok. JW1.

Huwa kompla jispjega li l-ewwel kellem lil Felic Borg fuq il-post. Stqarr illi x’hin rah kollu griehi f’wiccu l-ewwel offrielu jekk ghandux bzonn assistenza medika fuq il-post. Borg qallu le ma kienx hemm ghalfejn. Ix-xhud staqsieh jekk riedx jghidlu x’gara u nfurmah bid-dritt li jwiegeb jew li ma jwegibx ghad-domandi. Huwa wiegbu li mhux problema u beda jghidlu x’gara. Meta’ mar l-Ghassa Joseph Xuereb, dan gie anzjuz biex jghidlu x’garalu. Ix-xhud ukoll infurmah bid-dritt li ma jwegibx ghad-domandi tieghu u tah il-*caution*. L-imputat wiegbu le u qallu li kien gie aggredit.

**Dr. Anne Marie Scerri** xehdet fl-20 ta' Novembru 2014 fejn ikkonfermat li c-certifikati hargithom hi fit-12 ta' April 2013. Hija gharfet il-firma taghha fuq iz-zewg certifikati. Hija kkonfermat il-kontenut ta' dawn iz-zewg certifikati u li kitbithom hi.

Mistoqsija x'wassalha biex ticcertifika li hemm *injuries* gravi wiegbet illi l-lezjonijiet kienu fuq il-wicc u peress li kulhadd ghamel *scarring* differenti, n-natura tal-lezjonijiet setghet thalli marka permanenti fuq il-wicc. Mistoqsija jekk regghetx rat lil dawn iz zewg min nies  minn dakinhar lil hawn wiegbet illi le hlief ghal meta kienet telghet tixhed f' kawza ohra u rat lil Felic Borg li kien ghad baqalu *scar* zghira.

Hija spjegat li regghat rat in-noti taghha u fittxet biex tara jekk ghadx hemm minn dak li rat dakinhar u l-uniku haga li rat prezenti hija wahda mil-lezjonijiet li halliet marka fil-genb ta' ghajnu tal-lemin. Ix-xhud stqarret illi ma tistax tghid jekk tibqax permanenti jew le din il-marka.

**Felic Borg** xehed fl-20 ta' Novembru, 2013 fejn iddikjara li fit-12 ta' April 2013 Joseph Xuereb kien ghamel il-karozza quddiem il-garaxx tieghu u x-xhud ghamel il-karozza fil-genb. Huwa spjega li ghamel il-karozza fil-genb, kien bil-qieghda fuq il-karozza hu, kien qed jistennieh u x'hin ix-xhud qallu biex inehhiha minn hemm ghax ha jmur l-ghassa jgib il-Pulizija, l-imputat fetah il-bieba u x-xhud iddikjara li kieku ma laqghax il-bieba kien jaghtih daqqa bil-bieba. L-imputat

kien bil-qieghda fil-karozza u sadanittant qam ghalih mal-ewwel, ma halliehx ikompli u qabdu fl-idejn. Sussegwentement qam bil-wieqfa minghajr ma tah daqqa hu u x'hin telaq rega' gie mal-hajt u beda jxejjer bil-ponn lix-xhud, u anke daqqa ta' sieq xejjirlu wkoll. Wara hareg barra x-xhud u sab is-Surgent jistennieh.

Ix-xhud tenna li l-imputat kien fil-karozza u gab karozza ohra minghajr numru u minghajr licenzja mhallsa. L-imputat kien qieghed jistenna fil-karozza l-ohra. Dak il-hin ix-xhud kellu l-karozza li ried ipoggiha quddiem il-garaxx tieghu. Ghalhekk hareg mill-karozza, resaq lejh u qallu biex inehhi l-karozza ghax ha jmur l-Ghassa. Huwa ddikjara li daqshekk biss qallu. L-imputat fetah il-bieba u li kieku ma laqalghux il-bieba kien jaghtih daqqa ta' bieba. Mistoqsi x'ghamel l-imputat wiegeb li qam ghalih u mbaghad gew fl-idejn. Jaf li hin minnhom kienu qamu mill-art u l-imputat xejjirlu bil-ponn u bis-sieq u laqtu f'wiccu partikolarment fuq ghajnejh u haddejh. Sussegwentament mar il-klinika, it-tabiba ghamlitlu stikk u baghtitu l-Mosta biex jiehu ritratti minhabba l-ghadam. Wara marru l-ghassa fejn ghajjatlu l-Ispettur u qallu biex jirrangaw. Huma filfatt irrangaw imma ddikjara li minn dakinhar lil hawn l-imputat beda jaghmel vendikazzjonijiet u jqabbad in-nies mieghu. Huwa qabbad erba' (4) minn nies mieghu.

Ix-xhud iddikjara li meta' l-imputat kien wegggha jdejh bil-magna kien gie biex idewwuh u kienu anke jghinuh f'xi xoghol tal-festa. Huwa sostna li l-imputat qabad mieghu u huwa ma kienx jaf li kien qed

jghawwi n-nies ghalih. Iddikjara li hemm erba' (4) minn nies mghowwija ghalih. Mistoqsi x'hin gara dan l-incident wiegeb li kienu xi l-erbgha (4:00), l-erbgha u nofs (4:30).

**L-Ispettur Joseph Agius** xehed fis-6 ta' Gunju, 2014 fejn iddikjara li fit-12 ta' April, 2013 ghal habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar (16:00hrs) il-pulizija giet infurmata li f'St. Edwards Str, Qormi kienet qed isehh glieda bejn zewg persuni. Il-pulizija marret immedjatament fuq il-post fejn sabet persuna imwegga' li kien Felic Borg u li kellu wiccu kollu migruf.

Huwa spjega li kellmuh u qalilhom li kellu xi jghid ma' certu Joseph Xuereb dwar ipparkjar quddiem il-garaxx. Meta huwa ha statement lill-imputat huwa kkonsulta ma' Dr Robert Abela qabel irrilaxxa l-istatement u qallu illi kien qieghed il-garaxx tieghu u gie Felic u qallu biex inehhi l-vettura minn faccata tal-garaxx tieghu. Huma gew fl-idejn, waqqaw u waqt li kien qieghed mal-art habat rasu u weggghu lil xulxin. Huma marru l-policlinic ta' Hal Qormi fejn gew iccertifikati li kellhom griehi ta' natura gravi. Il-griehi ma kienux jidhru daqshekk gravi u huwa staqsihom jekk kinux lesti li jahfru lil xulxin. Dak il-hin huma kienu lesti li jahfru lil xulxin u qalilhom biex jergghu jmorru jkellmu lit-tobba ghaliex bhala griehi, wiehed kellu qasma fuq rasu u l-iehor taht l-*eyebrows*. Huwa talabhom sabiex jiccertifikahom ezatt jekk hux griehi gravi jew le. Huma regghu marru ghand it-tabiba u

regghet ikkonfermat li huma griehi gravi u b'hekk tressqu t-tnejn il-Qorti.

L-Ispettur ra l-istatement esebit fl-atti mmarkat bhala Dok. JA5 li huwa datat 4 ta' Gunju 2013 u kkonferma fuq dan l-istatement hemm il-firma tieghu, il-firma ta' Joseph Xuereb u l-firma ta' PC113 R. Tonna.

L-Ispettur kompla jixhed in kontro-ezami fejn gie mistoqsi fejn kien l-imputat waqt l-incident u huwa wiegeb li l-imputat kien propju qed johrog il-vettura fil-garaxx ta' faccata ta' Felic u Felic kien talbu biex inehhi l-karozza minn hemm. Felic pero' ma juzax il-garaxx biex ipoggi l-vettura go fih izda sabiex izomm *pony* go fih. Huwa ddikjara li l-vettura tal-imputat mhix licenzjata biex tinsaq fit-toroq. Meta l-Ispettur staqsieh x'kienet qed taghmel barra qallu li kien ser jaghsar l-inbid fil-garaxx u ghalhekk kien harigha barra.

Mistoqsi jekk kien ghadda kopja tat-tahrika li hargu fil-konfront tal-parte civile wiegeb li fuqu m'ghandux. Fil-fatt hemm proceduri b'kumpilazzjoni ghaddeja fil-konfront tal-parte civile. Huwa stqarr illi ma marx fuq il-post u qed jirrelata biss fuq dak li gie rapportat lilu mis-Surgent.

**Felice Borg** xehed fil-15 ta' Lulju, 2014 fejn iddikjara li huwa dakinhar kien wasal fuq il-post ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar

(16:00hrs). Huwa kien bilqieghda fil-garaxx fil-karozza tieghu bla numru ta' registrazzjoni u quddiem il-garaxx ta' l-imputat. Il-vettura in kwistjoni ma kinitx startjata u huwa qallu li jekk mhux se jnehhi l-karozza li qieghda bla *number plates* quddiem il-garaxx tieghu sa jmur jirrappurtah l-ghassa. Meta huwa qed jghid quddiem il-garaxx irid ifisser faccata tal-bieb tal-garaxx b'hekk ma jkunx jista' johrog u jdahhal la z-ziemel u lanqas il-karozza tieghu.

Il-wisa' tat-triq hija ta' zewg karozzi hdejn xulxin. Huwa spjega li l-imputat ilu mqabbad mieghu ghal dawn l-ahhar ghaxar (10) snin u lanqas kien jaf. Huwa sar jaf mill-girien. Fil-fatt l-imputat xi sena qabel dan l-incident kien keccieh ukoll milli jipparkja faccata tal-garaxx tieghu. F'din l-ahhar sena pero' ma baqghux jitkellmu. Huwa dakinhar mar hdejn il-karozza tieghu u qallu li jekk mhux se jnehhi l-karozza minn hemm kien lest imur ghall-Pulizija.

Huwa cahad li pprova jiftahlu l-bieba tal-vettura, il-bieba kienet miftuha u li kieku ma' laqaghthielux kien itajru biha. Il-feriti li kellu fuq wiccu fuq zewg hugbejh u fuq ghajnejh huma kif deskritti fic-certifikat.

**L-imputat Joseph Xuereb** xehed fil-15 ta' Lulju, 2014 fejn esebixxa pjanta ta' kif inhuma l-garaxxijiet li l-Qorti mmarkat bhala dokument Z. Mistoqsi mill-Qorti liema huwa l-garaxx tieghu wiegeb li dan huwa l-garaxx innumerat numru 33, waqt li l-garaxx tas-Sur Felice huwa

numru 13. Il-karozza Hyundai hija tat-tifel tieghu u dakinhar kellha n-*number plates.*

Huwa tenna li din il-karozza gieli tkun bla *number plates* ghax it-tifel kien ha jmur jirritornalha n-*number plates* pero' sab li kellha xi multi u allura ma rritornahomx. Meta' huwa jkun irid jahdem fil-garaxx tieghu johrog il-karozza u jhalliha kif inhi pozizzjonata. It-Toyota hija l-karozza tas-Sur Felice stess u l-karozza Kia hija dik tieghu. Dakinhar tal-incident huwa kien fil-karozza tieghu Kia u kienet startjata u kien sejjer. Meta wasal il-kwerelant dan beda jghajjat u beda jghidlu biex inehhi l-karozza minn hemm. Huwa fetah il-bieba, u appena fetah il-bieba hatafhielu u kif hareg dawwar idejh minn wara dahru u pprova jigdmu go dahru. L-imputat ipprova jinhall minn mieghu u Felice beda jzomm biex ma jinhelisx u meta waslu hdejn il-garaxx tieghu waqalu fl-art u habat rasu u huwa habat rasu fuq in-naha tal-lemin. Oltre dan tarlu n-nuccali. Huwa qam, mar jigbor in-nuccali u dak il-hin Borg rega' qabdu mill-flokk u beda jaghtih fuq xuftejh kif hemm deskritt fic-certifikat u dak il-hin beda jaghti biex ma jkomplix jaqla'.

F'xi hin inhallew minn ma' xulxin u l-imputat qal li mar ghand habib tieghu u fil-hin cempillu s-Surgent u talbu biex imur l-Ghassa u meta rah talbu biex imur il-Poliklinika. Huwa ddikjara li din kienet l-uniku darba li halla l-karozza barra ghax kieku halliha gewwa ma jkunx jista' jaqleb l-inbid mit-tramigjana u kieku startjaha gewwa l-inbid kien jiehu r-riha taghha.

Huwa esebixxa T-shirt li kien liebes dakinhar li l-Qorti mmarkat bhala Dokument X. Mistoqsi jekk kienx hemm xi ncident iehor meta talbu biex inehhi l-karozza minn hemm wiegeb illi l-incident li semma' s-Sur Felice li kienu baghtu xi lavrant minn taghhom jipparkjaw f'dik l-*area* qallu biex jekk jista' jkun hemmhekk ma jipparkjax peress li skond il-pjanta kullimkien garaxxijiet. Huwa sostna li jekk jipparkja quddiem il-garaxx tieghu huwa jkollu joqghod diehel u hiereg u jimmanuvra sabiex ikun jista' johrog.

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2014.

Ikkunsidrat.

Illi f'din il-kawza din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ta' kif sehh l-incident mertu tal-kawza. Il-kwerelant jghid li kien l-imputat li aggredieh u kkawzalu feriti ta' natura gravi kif deskritti mit-tabib Dr Anne Marie Scerri fic-certifikat rilaxxjat minnha u l-verzjoni kif moghtija mill-imputat li kien il-kwerelant li aggredieh appena hareg mill-vettura li kien riekeb fiha u kull ma ghamel hu kien li jiddefendi lilu nnifsu mill-agressjoni zejda tal-istess kwerelant. Ghalhekk m'hemmx dubju li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin ghalkemm jigi rilevat sa mill-bidu nett ta' din is-sentenza li l-imputat ta l-verzjoni tieghu a tempo

vergine tal-allegat incident meta' gie nterrogat mill-pulizija ezekuttiva u rega' ta l-istess spjegazzjoni meta xehed viva voce l-Qorti nhar it-2 ta' Dicembru 2014.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-**Artikolu 637 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni vantaggjuza ghal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ghexet il-process tul medda ta' zmien u ghalhekk hija f'posizzjoni, wara li semghet ix-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li kienet hi stess li kkonstatat x'interess seta' kellu xi xhud f'data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konflingenti (ghalkemm verzjoni wahda u cioe' dik tal-Prosekuzzjoni qatt ma giet konfermata viva voce mill-vittma), ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell

Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:**

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890**:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Il-Prosekuzzjoni ressqet lill-allegata vittma jixhed u jispjega f'aktar dettal ir-rapport li kien ghamel fil-konfront tal-imputat lill-pulizija ezekuttiva u l-imputat ghalkemm m'huwiex obbligat li jixhed iddecieda li jixhed u jressaq xhieda in sostenn tat-tezi tieghu. Jinghad li l-kwerelant kien xehed kemm quddiem din il-Qorti diversament preseduta kif ukoll quddiem din il-Qorti kif preseduta. Jinghad ukoll f'dan l-istadju li l-imputat m'huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu izda hija l-Prosekuzzjoni li trid

tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe’ *beyond reasonable doubt.* Cio nonostante pero’ l-imputat ghazel li jixhed u jaghti d-deposizzjoni tieghu.

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe’ oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet ‘**Il-Pulizija v Philip Zammit et’** u tghid pero’ mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li ‘*dubju jkun dak dettat mir-raguni*.’

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet ‘**Il-Pulizija vs Peter Ebejer’**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minnn **Lord Denning** fil-kaz ‘**Miller vs Minister**

**<u>of Pension</u>**' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt*.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence, 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice."*

Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader</u>'** hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet '**<u>Teper v The Queen</u>'** ***[1952] AC 480, 489***.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are <u>no</u> (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et**', li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Il-Qorti pero' thoss li fic-cirkostanzi ghandha tara jekk il-fatti specie tal-kaz jammontawx ghar-reat addebitat lill-imputat.

Illi l-pulizija saret taf bl-incident mertu tal-kawza nhar it-12 ta' April 2013 ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar permezz ta' telefonata

anonima fejn kien gie rrapportat li kien hemm zewg persuni jiggieldu quddiem entratura ta' garaxx. Il-pulizija marret fuq il-post u sabet lill-kwerelant ferut b'xi demm fuq wiccu u meta gie mistoqsi x'kien gara qal li kellu xi jghid ma' certu Joseph Xuereb. Spjega li huwa ma setghax johrog mill-garaxx bil-pony u li l-imputat kien bezaqlu. Pero' meta mar lura l-ghassa sab lill-imputat li mar sabiex jaghmel rapport fejn stqarr li l-kwerelant kien aggredieh fejn qabel li hemm argument fuq kwistjoni ta' parking pero' qal li kien il-kwerelant li beda jinsulentah u aggredieh u qallu li hu wkoll kellu xi feriti. Spjega li in effetti l-imputat kien anzjuz hafna meta mar l-ghassa.

Borg jghid li kien hu li kellem l-ewwel lill-imputat u talbu sabiex iressaqlu l-karozza ghaliex fin-nuqqas kien ser imur igib il-pulizija. Jghid li fil-pront l-imputat fetah il-bieba tal-karozza li kien riekeb u kieku ma laqax kien itih daqqa bil-bieba. Jghid li l-imputat qam ghalih u ma tahx *chance* ikellmu u qabdu fl-idejn u jghid li l-imputat tah daqqa ta' sieq u daqqa ta' ponn.

Jidher pero' li l-kwerelant jaqbel li kien hu li hareg mill-vettura l-ewwel u resaq lejn l-imputat sabiex ikellmu u jitolbu jressaq il-vettura tieghu u kien dak il-hin li l-imputat fetah il-bieb u mar ghalih u laqtu fuq wiccu. Felice Borg jikkonferma li t-triq fejn hemm il-garaxx hija wiesgha ta' zewg karozzi pero' minkejja dan jekk ikun hemm karozza quddiem il-garaxx tieghu ma jkunx jista johrog il-*pony*. Jghid ukoll li l-imputat ilu mqabbad mieghu ghal dawn l-ahhar ghaxar snin.

L-imputat jghid li appena fetah il-bieba hataflu l-bieba u appena hareg dawwar idejh minn wara daru u pprova jigdmu go daru. Huwa pprova jinhall minn mieghu u huwa beda jzommu sabiex ma jinhelisx izda meta waslu hdejn il-garaxx tieghu l-kwerelant waqa' mal-art u habat rasu u huwa habat rasu fuq in-naha tal-lemin. Oltre dan tarlu n-nuccali u qam jigbor in-nuccali u dak il-hin qabdu mill-flokk u beda jtih fuq xuftejh u kien dak il-hin li beda jaghti sabiex ma jkomplix jaqla'.

Illi l-Qorti ezaminat ic-certifikati medici rilaxxjati mill-istess tabiba u cioe' Dr Anne Marie Scerri esebiti fl-atti a fol 7 u 8 tal-process. Jidher minn ezami tac-certifikat rilaxxjat fil-konfront tal-kwerelant li huwa kellu ferita fuq mohhu, ohra fuq is-suf tal-ghajnejn in-naha tal-lemin u ferita ohra fuq il-kappell ta' ghajn tan-naha tal-lemin. Kellu wkoll tbengil fuq il-kappell tal-ghajn tan-naha tal-lemin u xi tbengil hdejn hugbejh in-naha tax-xellug.

Min-naha l-ohra minn ezami tac-certfikat li rrilaxxjat Dr Scerri fil-konfront tal-imputat esebit fl-atti a fol 8 l-imputat kellu tbengila fuq il-hugbejn tan-naha tax-xellug, disa' selhiet 'abrasions' madwar l-ghonq. Tlett selhiet fil-parti ta' wara tas-sider u ticrita fuq ix-xoffa fuq in-naha tal-lemin. Kellu wkoll *erythema* fuq mohhu u fuq in-naha tax-xellug tal-wicc.

Illi min ezami tal-flokk tieghu esebit fl-atti a fol 43 jidher li verament l-imputat kien gie aggredit tant li l-flokk tieghu spicca kollu mqatta. Dwar dan il-flokk il-Prosekuzzjoni ma qajmet l-ebda eccezzjoni dwaru u ghalhekk din il-Qorti ser tqisu bhala prova ndizzjajra li effettivament verament l-imputat kien gie assaltat.

Illi fil-kwadru ta’ dawn il-provi akkweziti ma jirrizultax li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi li kien l-imputat li effettivament hebb ghall-kwerelant l-ewwel jew li kien hu li kkagunalu l-feriti kif deskritti mit-tabiba b’mod volontarju.

L-imputat jammetti fix-xhieda tieghu li effettivament gie f’kuntatt mal-kwerelant u fil-fatt jghid li beda jaghtih sabiex jiddefendi lilu nnifsu mill-agressjoni tieghu u ghalhekk eccepixxa fid-difiza tieghu dik ta’ legittima difeza.

**Kunsiderazzjonijiet legali dwar din l-istess difiza.**

Illi kif hu ben saput, il-gustifikazzjoni ghal-legittima difesa tirrizulta meta persuna tilqa’ b'forza l-vjolenza jew agressivita’ ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk agressiva, l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difeza trid tkun inholqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni

kkrejata unikament mhux minn min jaddatta dak it-tip ta' difiza izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew thedded jew dannu imminenti.

Fil-fatt l-**Artikolu 233** tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

*"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew premessi mil-ligi jew mill-awtorita' legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor."*

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Jannar, 1995 fil-kawza fl-ismijiet **il-Pulziija v Joseph Psaila** fejn dik il-Qorti rriteniet is-segwenti:

*"Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi agressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi agressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat*

*psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri l-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista' jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu jrid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor."*

Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem specifikaw u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew x'messu ghamel id-difensur (imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa b'uzu ta' l-azzjoni. Fil-fatt kif jghid il-**Professur Mamo fin-*Noti*** tieghu:

*"The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

Wiehed ghalhekk irid ipoggi lilu nnifsu fil-posizzjoni u stat mentali u psikologiku tal-imputat difensur meta agixxa b'dak il-mod fic-cirkostanzi kif setgha hassu dak il-hin u mument cioe' jekk kienx imbezza u/jew panikuz.

Fl-ahhar nett biex l-imputat ikun jista’ jigi gustifikat ghal kollox, fid-difesa legittima huwa m'ghandhux jaddotta metodi li huma in eccess jew minaccja ta' perikolu. Izda anke hawn u partikolarment fil-kaz in ezami, ghandu wkoll jigi kkunsidrat sew l-istat mentali tal-vittma tal-aggressjoni jew minaccja ta' perikolu, cioe’ l-imputat. Rinfaccat b'perikolu serju u imminenti kif haseb hu f'dak il-mument, wiehed ma jistax jippretendi li kellu jzomm l-kalma u fil-fatt il-ligi stess f'cirkostanzi bhal dawn taccetta miskalkolazzjonijiet u *errors of judgment*. Il-ligi fil-fatt tipprovdi li l-ebda piena ma tigi nflitta f'kazijiet anke fejn bniedem jeccedi l-ligi f'kaz li jkun necessarju li jiddefendi lilu nnifsu u/jew terzi, fejn tali eccess ikun dovut ghal periklu mminenti li hu jsib ruhu rinfaccat bih jew minhabba biza' jew twerwir (*fear or fright)*.

F’dan il-kaz l-imputat agixxa sabiex jiddefendi lilu nnifsu mill-agressjoni inaspettata tal-kwerelant. Jirrizulta li kien il-kwerelant stess li mar u avvicina lill-imputat waqt li dan kien fil-vettura tieghu u jidher anke mill-komportament ta’ l-istess kwerelant waqt li kien fil-pedana tax-xhieda li kien irrabjat hafna tant li qal li kienu ilhom bit-tiketta ghal dawn l-ahhar ghaxar snin u li din ma kienitx l-ewwel darba li effettivament ostakolalu l-passagg liberu.

**Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe’ l-Artikoli 214, 216 (1) (b) u 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u qieghda**

**tilqa' d-difiza tal-imputat b'dan illi qieghda tillibera lill-imputat JOSEPH XUEREB minn kull imputazzjoni u htija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------